**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Alexander Carmel Abela**

Illum, 6 ta' Mejju 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Alexander Carmel Abela**, iben Francis Xavier u Vincenza *nee'* Chircop, imwieled Birzebbuga, nhar l-1 ta' Novembru, 1975, residenti gewwa *Cycas*, Triq il-Port Hieles, Birzebbuga, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 733457M, akkuzat talli;

1. Fis-26 ta' Settembru, 2020, ghall-habta tas-07:15*hrs* jew fil-hinijiet ta' qabel, waqt li kien qieghed fl-inhawi ta' Triq il-Brolli, Birzebbuga, bhala persuna li kellu licenzja biex izomm jew biex ikollu f'idu, jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjoni, ma zammx fil-kustodja tieghu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistghu jigu f'idejn haddiehor, u dan bi ksur ta' Kap. 480, Art. 47(1);
2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 5(3) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Aktar talli bhala pussessur ta' licenzja taht l-Artikolu 27(1) tal-Kap. 480, naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja;
4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, bhala detentur ta' licenzja taht xi dispozizzjoni ta' dan l-Att dwar l-Armi, naqas milli jhares il-pattijiet tal-licenzja jew li kellu fil-pussess, jew kien igorr xi arma tan-

nar jew munizzjoni mhux specifikati fil-licenzja mahruga lilu, u dan bi ksur tal-Artikolu 52 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba tordna l-konfiska tal-arma tan-nar u l-munizzjon li kienu qed jinzammu jew jingarru, hekk kif spjegat taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba thassar jew tissospendi licenzja mahruga taht il-Kap. 480, u tipprojbixxi lill-persuna milli jkollha xi licenzja taht dan l-Att ghal zmien mhux izjed minn hames snin meta dik il-persuna tinsab hatja ta' reat taht dan l-Att.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li thassar jew tissospendi l-licenzja taht l-Att tal-Armi, u tipprojbixxi lil persuna milli jkollha xi licenzja taht dan l-Att ghal zmien mhux izjed minn hames snin.

Il-Qorti kienet mitluba illi f'kaz ta' htija barra li taghti l-piena skond il-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat li fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2022 il-prosekuzzjoni irtirat it-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-qua imputat;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebieti;

Rat li wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha l-qua imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu (salv dik irtirata mill-prosekuzzjoni). Din l-ammissjoni l-qua imputat ikkonfermaha wara li l-Qorti taghtu bizzejjed zmien sabiex jirrikunsidra l-istess u jerggha jikkonsulta ma' l-avukat.

Semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza ai fini ta' piena;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi fuq ammissjoni ta' l-imputat, l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu (salv ghat-tieni imputazzjoni irtirata mill-prosekuzzjoni), gew ampjament pruvati fit-termini tal-ligi;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti qeghda tqis in-natura u c-cirkostanzi tar-reati li taghhom qed jinstab hati, l-fedina penali tal-imputat, u l-ammissjoni tal-imputat li giet irregistrata wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha. Huwa minnu li l-qua imputat setgha kellu intenzjonijiet tajba meta huwa ghadda l-arma lill-minorenni madanakollu hemm raguni l-ghaliex dan it-tip ta' *training* ghadu jsir f'ambjent ikkontrollat ma *trainers* professjonali. L-arma tan-nar ghandha tigi mizmuma minn detentur tal-licenzja skond il-ligi u taht l-ebda cirkostanza ma ghandha tigi mghoddija lill-persuna minghajr licenzja, iktar u iktar meta dik il-persuna hija minorenni. Dan huwa fundamentali ghas-sigurta fic-cirkostanzi odjerni tal-minuri

<u>Decide</u>

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament l-artikolu 47(1); 27(1) u 52 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-qua imputat, **Alexander Carmel Abela**, hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu (salv ghat-tieni imputazzjoni li giet irtirata mill-prosekuzzjoni) u konsegwentament qed tikkundanah ghal tminn xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali din is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk fi zmien tmintax-il xahar millum il-hati jikkommeti reat iehor punnibli b'piena ta' prigunerija.

Il-Qorti ai termini tal-artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali qed tordna l-konfiska tal-corpus delicti senjatament l-oggett indikat fid-dokument EM5. Di piu' ai termini tal-artikolu 57 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed thassar u tissospendi licenzja mahruga ai termini tal-istess Kap. 480 u tipprojbixxi lill-qua imputat milli jikseb licenzja ai termini tal-istess Kapitolu ghal zmien sena millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur